# SECONDARY SHOOLS ANNUAL EXAMINATIONS 2000

Educational Assessment Unit - Education Division

| IT-TIELET KLASSI | STORJA | TIME : 1hr 30min |
|---|---|---|

Name ______________________________ Class ______________

1. Agħmel sinjal taħt it-tweġiba t-tajba.

1.1 Wara l-Assedju l-Kbir, il-kavallieri ta' San Ġwann iddeċidew li
(a) jitilqu minn Malta (b) jibnu Belt ġdida (ċ) iwaqqgħu s-swar
(d) imorru joqogħdu l-Imdina.

1.2 L-għolja Sciberras tinsab fejn illum hemm
(a) l-ibliet tal-Kottonera (b) l-Imtarfa (ċ) il-Belt Valletta
(d) iċ-Ċittadella.

1.3 Francesco Laparelli kien
(a) kittieb (b) pittur (ċ) inventur (d) perit.

1.4 Id-difiża kienet dejjem importanti minħabba l-attakk
(a) tal-Misilmin (b) tal-Franċiżi (ċ) ta' l-Isqallin (d) ta' l-Ingliżi

1.5 Biex tħares aħjar ix-xtut ta' Malta l-Ordni kienet
(a) dawret ix-xtut kollha bis-swar
(b) tħalli eluf ta' suldati madwar ix-xtut biex jiddefenduhom
(ċ) bniet torrijiet u fortizzi
(d) poġġiet mijiet ta' 'mines' madwar ix-xtut.

(5 marki)

2.



Hares lejn l-istampa u wieġeb:

2.1 Għala kienu jbexxu l-toroq fi żmien l-Ordni?

______________________________

______________________________

2.2 X'hemm fil-bettija ta' fuq il-karettun?

______________________________

______________________________

2.3 X'tinnota dwar l-ilbies tar-raġel?

______________________________

______________________________

2.4 X' qed jagħmel iż-żiemel mill-ħorga mdendla ma' għonqu? ______________

______________________________________________________________

(4 x 3 = 12 -il marka)

3. Mill-kliem jew frażijiet li ġejjin sib
(a) erbgħa li għandhom x' jaqsmu ma' ġrajjiet li seħħu fi żmien l-Ordni
(b) erbgħa li għandhom x'jaqsmu ma' bliet qodma ta' Malta u Għawdex
(ċ) erbgħa li għandhom x'jaqsmu mad-difiża.

* Forti Chambray * id-Dejma * il-battalja ta' Lepanto
* l- irvell ta' żmien Mannarino * il-Bibliotheca
* il-Mandraġġ * torri Wignacourt * il-konfoffa ta' l-ilsiera
* il-bini tal-Bereġ * il-wasla ta' Napuljun
* il-kavallerija * il-bini Barokk fl-Imdina.

(a) ______________________________

(b) ______________________________

(ċ) ______________________________

(12 -il marka)

4. Aqra s-silta li ġejja u wieġeb il-mistoqsijiet fuqha:

" Il-kavallieri kienu ilhom Malta mill-1530. Bħall-Maltin kienu Nsara. Allura l-Misilmin kienu l-akbar għedewwa tagħhom. Min-naħa ta' l-Għarab u t-Torok, l-akbar għedewwa kienu l-Insara. Għalhekk kienu qishom kelb u qattus. Is-sibi ma kienx nieqes. It-tnejn li huma jattakkaw lil xulxin fuq l-art kif ukoll fuq il-baħar. Għalhekk il-ħtieġa ta' xwieni li għall-Maltin kienu joffru diversi mpiegi. F'dawk iż-żminijiet il-Maltin kellhom bżonn jaħdmu ħafna. Ma kinux jgħixu f'xi torri bħall ta' Selmun jew fil-kastell ta' Verdala. Kienu joqgħodu fi djar żgħar bla kumdita' ta' xejn. U l-mard? Daqqa pesta, oħra kolera jew ġidri u mard ieħor li jittieħed. Imma xi forma ta' divertiment kellhom ukoll ...."

Mistoqsijiet

4.1 Napuljun ġie Malta fl-1798. Kemm kien ilhom f'Malta l-kavallieri?

________________________________________

4.2 Għaliex l-Insara u l-Misilmin kienu qishom kelb u qattus?

________________________________________

________________________________________

4.3 Semmi żewġ popli li kienu Misilmin?

________________________________________

4.4 X'kien is-sibi?

________________________________________

4.5 Semmi żewġ impiegi li kellhom x'jaqsmu max-xwieni?

________________________________________

4.6 Għaliex il-Malti komuni ma kienx jgħix la fit-torri ta'Selmun u lanqas fil-kastell ta' Verdala?

________________________________________

4.7 Semmi ħames kumditajiet li għandna llum u li ma kontx issibhom fid-djar ta' dak iż-żmien.

________________________________________

________________________________________

4.8 Semmi erba' mardiet li kienu jħabbtu wiċċhom magħhom il-Maltin ta' dak iż-żmien.

____________________ ____________________

____________________ ____________________

4.9 X' divertiment seta kellhom il-Maltin f'dawk iż-żminijiet?

(a) ______________________

(b) ______________________

(ċ) ______________________

(d) ______________________

(30 marka)

5 Wiegeb dawn il-mistoqsijiet:

5.1 Għala l-Gvern ta' l-Ordni ħareġ liġi li kull dar fil-Belt Valletta ried ikollha bir?

______________________

5.2 Għal xiex baqa' msemmi Ġlormu Cassar?

______________________

5.3 Għala n-nies kienu jibżgħu mill-Inkwiżizzjoni?

______________________

5.4 Għaliex ħafna tfal ma kinux jitgħallmu skola f'dak iż-żmien?

______________________

______________________

5.5 Għala f'dak iż-żmien kont issib trabi li jiġu abbandunati?

______________________

5.6 Għala l-qagħda finanzjarja ta' Malta kienet ħażina fl-1798?

______________________

______________________

5.7 Għala Napuljun ried jieħu lil Malta?

______________________

______________________

(7 x 3 = 21 marka)

6. Agħżel waħda u wieġeb fit-tul

6.1 Għala l-Gran Mastru Vilhena kien maħbub mill-poplu? Kif ħoloq ix-xogħol? X'għamel għad-difiża? X'għamel fl-Imdina?

6.2 Semmi fdalijiet li ħallew il-kavallieri u spjega kif dawn swew ta' ġid għall-poplu. (eżempji: bini ta' knejjes, swar, l-akwadott, ġonna, l-isptar, eċċ).

6.3 Spjega fuq erbgħa minn dawn:

(a) il-Monte di Pieta'

(b) l-istil Barokk

(ċ) il-Mandraġġ

(d) Mikiel Anton Vassalli

(e) Niċeċ fl-ibliet u fl-irħula

(f) L-Imblokk ta' żmien il-Franċiżi

(ġ) Malta ssir kolonja Ingliża

6.4 Kif ħadu lil Malta l-Franċiżi? Għaliex il-Maltin malajr daru kontra tagħhom? X'għamlu l-Maltin biex ikeċċuhom minn Malta?

6.5 Semmi xi post storiku li mort matul din is-sena. Xi stat jinsab fih dan il-post? Għal xiex qed jintuża? X'tgħallimt minn din iż-żjara? Ħadt pjaċir? Għaliex?

(20 marka)